# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 164/2021

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Klesia Marie Gatt**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Klesia Marie Gatt, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 323585M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar id-9 ta'Frar, 2020 fil-Gzejjer Maltin irrifjutat li taghti access lil wild taht il-kustodja taghha lil Joseph Falzon, hekk kif ordnat mill-Qorti jew hekk kif marbut bil-kuntratt minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Mejju 2021, li biha sabet lill-imputata hatja ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u kkundannatha

ghal hlas t'ammenda ta' tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23);

Rat ir-rikors tal-appellanta Klesia Marie Gatt, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Gunju 2021, li bih talbet lil din il-Qorti **thassar** u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaha minn kull htija u piena, jew **tirriforma** s s-sentenza billi tikkonferma l-htija filwaqt li thassar u tirrevoka l-parti tal-piena u tinfliggi piena aktar ekwa u gusta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u t-traskrizzjoni tax-xiehda moghtija quddiem l-ewwel Qorti;

Semghet lill-partijiet;

Rat il-fedina penali tal-appellanta pprezentata mill-prosekuzzjoni fuq ordni ta' din il-Qorti;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellanta tillanja s-sentenza tal-ewwel Qorti b'zewg aggravji dwar l-apprezzament tal-provi u iehor dwar il-piena kominata. Fl-ewwel gravam l-appellanta tikkontendi illi c-cirkostanza partikulari ghaliex ma tatx access lill-kwerelant mhix regolata bil-kuntratt ta' separazzjoni u fit-tieni aggravju tallega sejbien ta' htija bazat fuq data zbaljata tal-incident. L-appellanta hija mputata bil-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 338 (ll) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi li huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min "**meta ordnat jew ordnata mill-qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jaghti jew taghti access lil wild taht il-kustodja tieghu**

jew taghha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jaghmel jew taghmel hekk minghajr raguni xierqa";

2. Illi f'dan l-aggravju l-appellanta tinsisti illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni bejnha u l-kwerelant, l-access ghall-minuri huwa taghha u jkun ezercitat mill-missier biss f'kaz li l-omm ma tkunx tista' twassal lill-minuri ghat-tahrig tal-futbol. F'dak il-kaz, izda, ma kienx il-kaz li l-imputata ma setghetx twasslu ghat-tahrig izda kien il-minuri stess li ma setghax jattendi peress illi kien mistieden ghall-"surprise party" ta' hu ommu. Jokkorri ghalhekk li jkunu ezaminati l-provi mressqa ghal-kunsiderazzjoni tal-ewwel Qorti fejn mit-traskirzzjoni tax-xiehda ta' din il-kawza li instemghet flimkien ma' tnejn ohra, appelli numru 162 u 163 tal-2021, jemergi illi Joseph Falzon xehed illi l-access hu regolat permezz ta' kuntratt bejn il-partijiet fejn hemm inkluz illi meta l-omm ma tkunx tista' tiehu lil binha ghat-tahrig tal-futbol ghandu jiehdu hu. Il-granet ta' tahrig huma l-Erbgha u s-Sibt izda fid-9 ta' Frar, 2021 it-tifel kellu tournament u l-imputata kienet taf b'din id-data ghaliex hu jibghatilha *screenshot* tal-iskeda tat-tournament li solitu jkun ta' siegha jew sghatejn u mhux ta' gurnata u li kien jibda fid-9 ta' filghodu. L-imputata, izda, infurmatu li kellha ikla tal-familja u li ghalih ikla tfisser li tkun fis-siegha ta' wara nofsinhar fejn allura t-tifel jkun lest mill-futbol, ma tatux access ghall-dakinhar u ghalhekk rregistra rapport l-ghassa tal-Pulizija;

3. PS 1482 xehed illi fid-9 ta' Frar, 2020 l-kwerelant rraporta li dakinhar kellu jiehu lill-ibnu ghal-futbol izda l-imputata naqset milli ttih access ghalih. Irraporta ukoll illi fil-5 ta' Frar kien baghat messagg lill-imputata biex jistaqsiha jekk kienitx ser tiehdu ghall-futbol u wiegbitu fin-negattiv minhabba li kellha xi haga tal-familja u l-istess gara meta staqsiha fit-8 ta' Frar;

4. L-imputata xehedet illi kienet gia avzat lill-kwerelant fit-23 u fl-24 [ta' Jannar] li ma kienitx ser tiehu t-tifel ghat-tournament ghaliex dakinhar kien il-Hadd u kellha party tal-familja meta l-Hadd ta' qabel kien ma missieru;

5. Ezaminat il-kuntratt ta' separazzjoni, senjatament dawk il-klawsoli li jirregolaw l-access tal-minuri, jirrizulta illi l-kura u kustodja tat-tifel hi afdata f'idejn l-omm. Il-kwistjoni tal-futbol hi ukoll regolata f'dan il-kuntratt liema kwistjoni hi kombinata mal-access f'tarf il-gimgha b'mod alternat, igifieri mill-Gimgha sas-Sibt f'gimgha A u mis-Sibt mid-9 am sal-5pm tal-Hadd f'gimgha B "*izda f'kaz li l-minuri ma jkollux attivita' tal-futbol l-access jithaddem mis-Sibt fis-sebgha ta' filghazija (19:00) sal-ghada l-Hadd fis-sebgha ta' filghaxija (19:00).* Oltre dan, hemm stipulat ukoll illi "*il-partijiet jaqblu li fin-nuqqas li l-Omm tkun tista' twassal lill-Minuri ghall-attivitajiet tal-futbol, il-Missier ghandu jezercita access agguntiv fil-granet tal-attivita' tal-football minn (30) minuta qabel l-attivita' u jwasslu x'hin tispicca l-attivita*".

6. Illi minn qari ta' dawn il-klawsoli huwa manifest illi l-kwistjoni tal-access b'mod alternat f'tarf il-gimgha ma ghandhom jincidu bl-ebda mod fuq jekk l-missier ghandux access jew le. Jidher illi din l-attivita' hija mportanti hafna fit-trobbija ta' dan il-minuri tant li hi regolata b'mod estensiv fil-kuntratt ta' separazzjoni billi l-omm hi obbligata li twassal lill-binha ghall-attivitajiet tal-futbol, tkun meta tkun il-gurnata, sakemm naturalment dakinhar ma jkunx waqt l-access tal-missier, u jekk ma tkunx tista' taghmel hekk allura il-missier ikollu access agguntiv mhux ghall-intier tal-gurnata izda minn 30 minuta qabel l-attivita' sakemm iwasslu lura mat-tmiem ta' dik l-attivita;

7. Illi ghalhekk ma ghandhiex ragun l-appellanta meta tghid illi ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz mhumhiex regolati fil-kuntratt ta'

separazzjoni liema kuntratt ikopri mhux biss iz-zmien ta' meta l-minuri ikollu t-tahrig izda ukoll kull <u>attivita</u> tal-futbol u certament tournament jaqa' fid-definizzjoni ta' "attivita'. Illi ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

8. Fit-tieni gravam, l-appellanta tressaq l-argument illi fl-ahhar parti tal-motivazzjoni tas-sentenza taghha l-ewwel Qorti taghmel referenza ghall-biza u rifjut li kien jirrigwarda d-dati tal-14, 15, 17 u 19 ta' Marzu, 2020 u dan johloq dubju fuq il-motivazjoni ta' htija. Dan l-aggravju, izda, hu destinat li jfalli ghaliex kif gia indikat supra, din il-kawza instemghet flimkien ma' tnejn ohra u x-xhieda ddeponew darba ghat-tlett kawzi u huwa evidenti li fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti inkludiet motivazzjonijiet li huma komuni ghat-tlett kawzi. B'daqshekk, izda, ma hemm l-ebda incertezza. Fl-ewwel lok, tenut in-natura sommarja tal-kawza, l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda obbligu li taghti il-motivazzjoniiet taghha u ghalhekk marret oltre dak mistenni minnha u f'dan l-ezercizzju r-raguni ghaliex kienet qed issib lill-imputata hatja fin-nuqqas taghha li taghti l-access fil-jum tad-9 ta' Frar 2020 huma cari u inekwivoki meta huwa evidenti ukoll li ezaminat il-kuntratt dwar dan l-aspett tal-attivita' tal-futbol tal-minuri. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

9. It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena erogata mill-ewwel Qorti konsistenti f'ammenda ta' €58.23. Dan l-ammont huwa l-massimu tal-piena pekunarja erogabbli ghall-kontravvenzjoni in disamina. Il-Qorti jidrilha illi l-ewwel Qorti qabilha kienet klementi meta kkominat din il-piena tenut kont li l-piki bejn il-partijiet fejn si tratta ta' access ghall-ulied ma jiswew ghal xejn hlief ghall-gradiment tal-parti li tkun cahdet lill-parti l-ohra izda fuq kollox tista' twassal ghal-trawmi fil-minuri li ghandhom id-dritt li jgawdu l-presenza tal-genituri li huwa element tant importanti fit-trobbija taghhom. It-tfal ma ghandhom qatt u qatt

jintuzaw b'dan il-mod minn parti jew minn ohra. Dan l-aggravju ghalhekk jirrazzenta l-fierah u ser ikun michud;

10. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.